# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Marzu, 2001 .

### Citazzjoni numru : 16/01G1(PC)

**Brian Axiak**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta :**

**Illi huwa jismu Brian Asciak u twieled fil-hamsa (5) ta' Gunju, ta' l-elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) liema twelid hu registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku Victoria, Ghawdex, permezz ta' l-att numru mija u hamsa u erbghin (145) ta' l-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) (Dok A).**

**Illi dan l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta' l-attur huwa skorrett stante li fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier' il-kunjom jidher spellut bhala 'Axiaq' meta dak proprju kellu jkun 'Asciak' .**

**Illi kif jirrizulta anke mic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attur kif ukoll mic-certifikat taz-zwieg tieghu, kunjom l-attur jinkiteb bhala 'Asciak' u mhux 'Axiaq' ;**

**Illi f'hajtu l-attur dejjem kiteb kunjomu bhala Asciak .**

**Illi l-attur irid li dan l-att jkun ikkoregut, b'mod illi kull fejn fuqu jinkorri l-kunjom 'Axiaq' dan ghandu jigi kkoregut u sostitwit bil-kunjom 'Asciak' .**

**Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:**

1. **Tiddikjara l-att tat-twelid numru mija u hamsa u erbghin (145) ta' l-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat .**

2. **Konsegwentament tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-twelid l-att numru mija u hamsa u erbghin (145) ta' l-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) relattiv ghat-twelid ta' l-attur, billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-kunjom spellut 'Axiaq' dan ghandu jigi sostitwit u miktub 'Asciak' .**

**Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu kkonfermata skond il-ligi .**

**Rat ukoll ic-certifikati annessi bhala dokumenti 'A', 'B'. u 'C', flimkien mad-dikjarazzjoni .**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa :**

1. **Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacenti skond il-ligi .**

2. **Illi huwa m'ghandux ibati spejjez .**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament guramentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex, in-Nutar Dottor Mary Debono .**

**Semghet l-attur jiddikjara bil-gurament tieghu illi l-kunjom tieghu huwa 'Asciak' miktub ASCIAK u mhux Axiaq, kif erronjament indikat fic-certifikat tat-twelid tieghu, li tieghu qed jitlob il-korrezzjoni .**

**Il-Qorti, ghal hekk u peress li jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, u**

1. **tiddikjara l-att tat-twelid numru mija hamsa u erbghin tal-elf disa' mija tlieta u tmenin (145/1983), huwa skorrett .**

**2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-istess att tat-twelid, u cioe dak numru mija u hamsa u erbghin ta' l-elf disa' mija u tlieta u tmenin (145/1983) relattiv ghat-twelid ta' l-attur, billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-kunjom spellut 'Axiaq' dan ghandu jigi sostitwit u miktub bil-kunjom Asciak spellut 'ASCIAK' .**

**In vista tan-natura ta' din il-kawza m'ghandux ikun hemm spejjez .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

S1601Pc